MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-21 ta' Awwissu, 2003

Numru. 708/2003

Il-Pulizija
(Spettur Chris Pullicino)
vs
Lisa Marie Schembri, Daniela Gauci u
Daniel Carmel Briffa

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli fl-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Awissu, 2003, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' :

1. talli minn gewwa vettura ta' ghamla u numru ta' registrazzjoni mhux maghrufa li kienet ipparkjata fi Triq Gnien Ingraw, fil-Mellieha, ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom 'hifi', liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u

bin-natura tal-oggett misruq u dan ghad-dannu ta' persuna / persuni mhux maghrufa;

2. U aktar talli minn gewwa vettura Mercedes Benz b'numru ta' registrazzjoni KAL184 li kienet ipparkjata fi Triq il-Mithna l-Gdida, Mellieha, ikkommettew serq ta' diversi oggetti foshom 'hifi' liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bin-natura tal-oggett misruq u dan ghad-dannu ta' Carmel Grima;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement b'kull mod li jkun, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Fuq ammissjoni;

Issibhom hatja, wara illi rat l-Artikoli 261(f), (g), 18 u 17 tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputati irregistraw ammissjoni bikrija, il-fatt illi semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi l-imputati ikkoperaw mieghu matul l-investigazzjoni, il-fatt illi ir-resfurtiva giet rikuperata mill-pulizija, Lisa Marie Schembri u Daniela Gauci ghandhom fedina penali netta, waqt illi Daniel Briffa ghandu fedina penali relattivament netta.  Ghaldaqstant il-Qorti ma tarax illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut, u wara illi rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 466, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett snin millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghhom skond il-Ligi jekk jikkommettu reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------